# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI Nru. 2770

**Kaz Nru. 3892/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Peter Kriznar (Dokument tar-residenza bin-numru (100222A)**

**vs**

**Eden Hospitality Ltd. (C 35719)**
**u**
**Inter-Continental Hotel Corp. (0C 409)**
**u**
**Intercontinental Hotel Malta & Holiday Inn Express**

**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Peter Kriznar li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2020.**

**Matul is-simgh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Patrick Farrugia u ghas-socjeta ntimata dehru Ms Marijana Fedoroff assista mill-Avv. Michele Cardinali u l-Avv Ryan C. Pace.**

**Fl'ewwel seduta tas-26 ta' Jannar, 2021 it-Tribunal Industrijali nnota l-eccezzjonijiet preliminari ssollevati fir-risposta tas-Socjeta ntimata liema eccezzjonijiet kienu jghidu :-**

1. **Illi preliminarjament, it-talba mressqa mir-rikorrent hija nulla, improponibbli u inammissibbli billi din giet ipprezentata fuori termine;**
2. **Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, l-irritwalita' u n-nullita' tal-att li bih 'inbdiet' din il-procedura billi dan ma jsemmix il-fatti tal-kawza kif irid l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**
3. **Illi prelimnarjament ukoll u f'kaz li l-eccezzjonijiet ta' hawn fuq ma jigux akkolti, il-karenza tal-interess gurikiku ta' Inter-Continental Hotels (0C409) billi din ma ghandhiex relazzjoni gurikka mar-rikorrent u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**

**It-Tribunal Industrijali beda biex jittratta l-ewwel eccezzjoni fejn is-socjeta ntimata allegat li r-rikors tar-rikorrenti ma giex intavolat fi zmien erba xhur skond il-provedimenti tal-Ligi.**

**It-Tribunal Industrijali wara li ezamina l-provi jirrizultalu li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti sehhet fit-22 ta' Mejju, 2020 u r-rikorrenti pprezenta r-rikors promotur tieghu fir-registru tal-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2020.**

**Invista ta' dawn il-provi, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikors tar-rikorrenti gie registrat fi zmien erba xhur skond kif tipprovdi l-ligi.**

**Rigward it-tieni eccezjoni preliminary, it-Tribunal Industrijali ddecieda li jistieden lill partijiet sabiex jghamlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.**

**Minn naha ta' l-appellanti rregistraw id-Dikjarazzjoni taghhom fir-registru tal-Qorti fid-data ta' 18 ta' Gunju, 2021 u kienet iffirmata mill-Avv. Michele Cardinali li ggib it-titlu "Nota ta' Sottomisjonijiet ta' Eden Hospitality Limed (C 35719) et.**

**F'din id-Dikjarazzjoni gew irregistrati dawn il-punti:**

**1) Illi din in-nota ta' sottomissjonijiet qieghda tigi ntavolata in ottemperanza mal-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021 sabiex tigi**

**trattata t-tieni eccezzjoni premlinari mressqa mill-esponenti fir-risposta taghhom.**

**2) Illi t-tieni eccezzjoni spracitata taqra :**

**"illi subdordinament u bla hsara ghall-premess, l-irritwalita' u n-nullita' tal-att li bih inbdiet din il-procedura billi dan ma jsemmix il-fatti tal-kawza kif irid l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta"**

**3) Illi l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet nostrana sueccepit jipprovdi li:**

**"(3) Kull referta maghmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza, ipprezentata fir-registru tat-Tribunal u ghandha fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat".**

<u>**Il-fatti tal-kaz odjern**</u>

**4) Illi fit-22 ta' Mejju, 2020 l-impjieg ta' Peter Kriznar (l-attur) kien impjegat bhala Luxury Services Manager gie terminat ghal ragunijiet tajba u sufficjenti fil-ligi.**

**5) Illi fit-22 ta' Settembru, 2020 ( u cioe fl-ahhar gurnata qabel jaghlaq it-terminu determinat mill-ligi li fih Peter Kriznar seta' jinizzja l-procedura odjerna) Peter Kriznar intavola rikors fir-registru ta' dan l-Onorabbli Tribunal li permezz tieghu indika, telegrafikament, illi huwa kien jahdem mal-esponenti, li nghata s-sensja fit-22 ta' Mejju, 2020 u li skond hu – it-tali sensja ma kienitx genwina.**

**6) Ili fl-istess rikors, Peter Kriznar ressaq tliet talbiet, senjatament it-talba lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeciedi li huwa nghata s-sensja ingustifikament, u abbazi ta' dan, it-talbiet sabiex jillikwida kumpens u jikkundanna lill-esponenti sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat.**

**7) Illi terga u tghid, fl-istess rikors, dan l-Onorabbli Tribunal gie mitlub ukoll sabiex jordna l-ispejjez tal-procedura odjerna jithallsu mill-esponenti u sabiex jinkludi wkoll, flimkien mal-kumpens (mitlub li jigi likwidat), l-imghaxxijiet legali kontra l-esponenti.**

**8) Illi l-esponenti ssottomettew risposta ghar-rikors sopracitat, sintendi bbazat fuq dak li gie ddikjarat fit-tali rikors, f'liema risposta giet eccepita l-eccezzjoni preliminari si tratta.**

**9) Illi sussegwentement u cioe wara li sahansitra giet ipprezentata r-risposta tal-esponenti, l-istess Kriznar (bi pregudizzju ghall-esponenti) ghazel li jottempora ruhu ma' dak li trid il-Ligi nostrana u ssottometta**

**Dikjarazzjoni tal-fatti kif jidhrulu li sehhew hu, in sodisfazzjon tal-elementi legali spjegati fl-Artikolu sopra citat.**

**<u>Sottomissjonijiet fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari in kwistjoni</u>**

**1) Illi l-ligi nostrana, senjatament l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 huwa kjarament car meta jiddetta li "kull referta maghmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza, ipprezentata fir-registru tat-Tribunal u ghandha, fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat".:**

**2) Illi dan l-element rikjest mill-ligi, jassigura l-harsien tal-principji tal-gustizzja naturali, senjatament il-principju 'nemo iudex in causa sua' li jaccena kontra l-pregudizzju jew il-vantagg lejn xi parti ghad-detriment tal-ohra (bias), u l-principju 'audi alteram partem' (fair hearing) li huwa garantit ukoll bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;**

**3) Illi di fatti, l-esponenti kienu ferm ippregudikati bil-fatt li huma ma setghux jirrispondu ghall-kaz odjern ( "inizzjat" fil-konfront taghhom) kif sewwa u xieraq stante li minn "inizzja" l-procedura (kontra dak li trid il-ligi u li haseb ghalih il-legislatur), ma segwiex dak li tidetta l-ligi, u halla**

**barra l-fatti kollha li fuqhom qieghed isejjes il-kawza tieghu ghad-detriment ta' l-esponenti;**

**4) Illi invista tal-fatt li procedura ta' din in-natura jirrikjedu l-inverzjoni tal-provi, u ghalhekk huma (terga u tghid) l-esponenti li jridu jippruvaw li dak li qed jigi allegat fil-konfront taghhom m'huwiex minnhu (mhux bil-kontra), it-tali ksur ghandu jitqies iktar lampanti;**

**5) Illi l-fatt li Peter Kriznar issottometta id-Dikjarazzjoni tieghu sahansitra wara li giet ipprezntata r-risposta tal-esponenti, huwa fih innifsu certifikat li jikkonferma s-siwi tal-eccezzjoni mqanqla mill-esponenti u hawn dibattuta, ossia li Peter Kriznar ma segwiex dak li trid il-ligi meta "inizzja" l-procedura odjerna u konsegwentement li t-tali procedura hija irritwali u nulla;**

**6) Illi ghalhekk, fil-waqt li l-ligi - l-istess Ligi li tirregola lil dan il-wisq Onorabbli Tribunal – trid u titlob li kwistjoni tax-xoghol quddiem dan l-istess Tribunal tinbeda permezz ta' dikjarazzjoni ta' fatti dettaljata, dak li qieghed jittanta jaghmel l-attur f'dawn il-proceduri huwa illi jikseb sanzjoni/barka ta' dan it-Tribunal ghall-mod affrettat u kontra l-ligi li bih ressaq il-kwistjoni tax-xoghol odjerna;**

**7) Illi b'dan spjegat, li kieku dan l-Onorabbli Tribunal kellu jaccetta li ssir din id-derogazzjoni minn dak li tidetta l-ligi (jew dan l-abbuz procedurali), ser ikun qieghed jigi kreat precident perikoluz stante li l-Ligi procedurali**

**qiegheda hemmhekk sabiex tassigura l-ordni u barra minn hekk, sabiex tassigura li l-principji ta' gustizzja naturali, kif ukoll, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, senjatament l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem jigu mharsa;**

**8) Illi bla hsara ghal dak gja sottomess, li kieku dan l-Onorabbli Tribunal kellu jichad – u dan qed jinghad biss ghall-grazzja tal-argument – l-eccezzjoni tal-esponenti, dik id-decizjoni tkun ghal kollox kontro-sens billi tippermetti u taghti lok biex kwistjonijiet tax-xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali jibdew jinbdew quddiem l-istess Tribunal kontra dak li trid u tghid il-ligi tax-xoghol f'pajjizna, l-istess ligi li tikkonstitwixxi u tirregola l-hidma ta' dan il-wisq Onorabbli Tribunal.**

**Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet sopra itat, dan l-Onorabbli Tribunal qieghed umilment u bir-rispett jigi mitlub li jiddikjara li l-att li bih giet inizzjata l-procedura odjerna huwa irritu u null stante li ma gewx oservati l-elementi legali rikjesti skond l-Artikolu 75 (3) tal-kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Minn naha tar-rikorrenti pprezenta d-dikjarazzjoni tieghu lit-Tribunal Industrijali fid-9 ta' Lulju, 2021 liema dikjarazzjoni kienet iffirmata mill-Avv. Roslyn Borg u mill-Avv. Patrick Farrugia.**

**Ir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni tieghu jghid, li mill-bidu huwa segwa kemm il-ligi kif ukoll il-prassi ben stabbilita ta' dan l-Onorabbli Tribunal fil-mori tas-sottomissjoni tat-talba tieghu quddiem l-istess Tribunal.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu huwa jghid ukoll, li primarjament, ma hemm l-ebda kwistjoni dwar dak li jipprovdi l-artikolu 75(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u di fatto huwa ottempra ruhu mal-istess provizjoni ghaliex fir-rikors promotur tieghu iddikjara il "fatti" inkwistjoni hekk kif mitlub mill-istess Kap 452 ossia s-segwenti:**

a. **Illi huwa kien impjegat ma Eden Hospitality Limited/Inter-Continental Hotels Corporation/Intercontinental Hotel & Holiday Inn Express fl-irwol ta' Luxury Services Manager;**
b. **Illi huwa inghata s-sensja fit-22 ta' Mejju 2020;**
c. **Illi s-sensja ma kinitx genwina minhabba ragunijiet illi se jigu trattati fil-mori tal-kwistjoni.**

**u dana hekk kif ben elenkat, u fuq kollox rikonoxxut, fis-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata stess;**

**Huwa jghid ukoll, illi ghal zmien twil qatt qabel ikkontestat, giet regolarment segwita prassi stabbilita fejn dan l-Onorabbli Tribunal darba wara l-ohra laqa' rikors hekk kif fuq indikat ghat-tnedija ta' kwistjoni tax-xoghol bhalma hija dik prezenti, fejn jissemmew il-fatti tat-talba fil-qosor.**

**Huwa jghid ukoll, illi tant hu hekk illi f'kull ordni mahruga mis-segretarjat ta' dan l-Onorabbli Tribunal ghall-ewwel dehera ta' seduta jigi indikat illi z-zewg partijiet, ossia nkluz ir-rikorrent, ghandhom jipprezentaw id-dikjarazzjoni tal-kaz sa data specifika, u ghal dan il-ghan qieghed jigi riprodott estratt mill-istess ordni mahruga fir-rigward tal-kaz odjern (vide punt nru 1 fil-lista elenkaa fl-ordni hekk riprodtta):**

> **B'Ordni tat-Tribunal Industrijali, ninfurmak illi l-ewwel seduta f'dan il-kaz ser tinzamm nhar il-Hamis 19 ta' Novembru, 2020, fis-14:00, fil-Qrati Superjuri.**
>
> **Inti ghandek tidher ghal din is-seduta u, jekk trid, tista tinkariga persuna ta' fiducja tieghek sabiex tassistik f'dawn il-proceduri.**
>
> **Inti ghandek sa mhux aktar tard minn nhar il-Erbgha 12 ta' Novembru, 2020 sabiex tibghat fl-indirizz li jidher hawn fuq, tlett (3) kopji, bil-Malti u ttajpjati tad-dokumenti hawn taht indikati :**
>
> 1. **Dikjarazzjoni tal-kaz tieghek.**
> 2. **Dokumenti ohra li tixtieq tesebixxi mad-dikjarazzjoni tieghek.**
> 3. **L-isem, il-kunjom u l-indirizz ta' kull xhud li tixtieq issejjah, b'indikazzjoni ta' l-oggetti tal-prova li tixtieq taghmel bil-produzzjoni ta' kull xhud.**
> 4. **L-isem u l-kunjom tal-persuna li ser tassistik waqt li t-trattazzjoni tal-kaz.**

**5. In-numru tat-telefon, tal-mobile tieghek u tal-persuna li ser tassistik kif ukoll l-email address.**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li sabiex jigi evitat kull dubju, ghandu jigi rrimarkat li tali struzzjonijiet jibdew bil-kliem "B'ORDNI tat-Tribunal Industrijali", li naturalment jikkonfermaw l-legittimita ta' tali ordni u ghaldaqstant ma hemmx dubju dwar l-origni taghhom mill-awtorita ta' dan l-istess Onorabbli Tribunal;**

**Huwa jghid ukoll, li invista tal-ordni hekk kif murija hawn fuq, liema ordni tohrog wara li tigi intavolata dikjarazzjoni jew rikors promotur, jidher bic-car illi huwa l-istess Tribunal li qieghed jippermetti lir-rikorrent jissottometti "Dikjarazzjoni tal-kaz" wara l-intavolazzjoni, u ghaldaqstant dan il-punt fih innifsu ghandu mill-bidu jirrendi l-argument tas-socjeta intimata null fl-intier tieghu. Huwa jghid ukoll, li issottometta dikjarazzjoni dettaljata fit-12 ta' Novembru, 2020 u dan kif kien gie ordnat li jghamel kif jidher hawn fuq.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu jghid ukoll li abbazi ta' dan, fil fatt johrog bic-car illi s-socjeta intimata qieghda tipprova taghmel l-almu taghha sabiex ixxekkel il-proceduri odjerni billi titfa dubbju fuq il-mekkanizma u li**

**joghgbu jaddotta liberalment dan l-Onorabbli Tribunal, liema liberta hija infatti mhollija lilu permezz tal-artikolu 78(3) tal-Kap 452 li jghid:**

> **Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regola maghmula jew li huma meqjusa li saru taht dan l-artikolu, it-Tribunal ghandu jirregola l-procedura tieghu stress. Tkun xi tkun il-procedura li tigi wzata, it-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skont il-meriti tas-sustanza tal-kaz; u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, it-Tribunal ghandu jasal ghal konkluzjonijiet tieghu fuq kull haga b'dak l-mod li jidhirlu xieraq.**

**Fid-dikjarazzjoni huwa jghid ukoll, li ghaldaqstant, it-Tribunal huwa liberu li jirregola l-proceduri kif jidhirlu sewwa u xieraq sabiex il-kwistjoni de quo tkun itratta b'mod gust u ekwu, partikolarment sabiex tassigura li l-impjegat ma jkunx f'sitwazzjoni inqas favorevoli min minn kien jimpjegah.**

**Huwa jirreferi wkoll ghal punt dwar il-gustizzja naturali li rreferit ghalih is-socjeta intimata u rigward dan huwa jissottometti u jghid:**

**a. Illi l-principju ta' nema judex in causa sua jirrigwarda l-punt ta' "bias", kif ben spjegat mis-socjeta intimata, izda sadattant l-istess socjeta naqset milli tiikjarifika l-kuntest li fiha qed issemmi dan il-principju legai kwaunkwe element ta' "bias" m'ghandu x'jaqsam xejn ma procedura bil-miktub (kif tirrigwarda l-eccezzjoni in**

**kwistjoni), izda huwa punt ta' relazzjonijiet personali, u intant jekk il-kontroparti temmen illi hemm xi element ta' "bias" fil-konfront ta' 'ludex' f'din il-kwistjoni, il-ligi tipprovi ghal procedura specifika ghal dan – ghaldaqstant, dan il-punt jidher li huwa mmirat biss sabiex ifixkel dan it-Tribunal u ghandu jigi skartat;**

**b. Huwa jghid ukoll, li ma jistax jifhem kif is-socjeta intimata thoss li hija ppregudikata fil-konfront tal-principju ta' audi iteram pattem, ghaliex bl-ebda mod ma l-istess socjeta qieghda tigi mxekkla milli tipprezenta l-kaz taghha quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, bhala punt ta' principju ghandu jinghad li kienet is-socjeta intimata stess li temmet l-impieg tal-esponent, u allura l-logika tiddetta li jekk hija konvinta mill-genwinta ta' dina t-terminazzjoni m'ghandha jkollha l-ebda inkwiet sabiex tissoleva l-argumenti taghha quddiem dan it-Tribunal favur id-decizjoni taghha.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu ir-rikorrenti jirrimarka, li wiehed ghandu jistaqsi ghaliex, abbazi ta' dak kollu li gie rilevat mis-socjeta intimata, hija stess ghadha ma ottempratx ruhha fil-perjodu stipulata mill-ufficcju tat-Tribunal ghaliex sal-gurnata tal-llum, ossia seba' xhur wara l-iskadenza ta' dana l-perjodu, l-istess socjeta intimata ghadha ma ssottomettietx dikjarazzjoni bil-fatti tal-kaz min-naha taghha.**

**Huwa jghid ukoll fuq punt konkluziv, l-argumenti sollevata f'dina n-nota juru bic-car kemm is-socjeta intimata qieghda taghmel minn kollox sabiex tizvija li dan l-Onorabbli Tribunal u xxekkel ir-respnsabbilta**

**taghha li tindirizza l-fatti tal-kwistjoni odjerna ghal xi raguni, u dan wara li gja qajment u sussegwentament rat li kellha iccedi eccezzjoni preliminarji ohra illi kienet qajment, u dan skont il-verbal tas-27 ta' Mejju, 2021.**

**Ir-rikorrenti jghalaq ld-dikjarazzjoni tieghu fejn jghid, li kieku dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jaccetta l-eccezzjoni mqajma mis-socjeta intimata, ikun qed jiehu pozizzjoni attament inkwetanti fil-konfront tieghu ghaliex ikun qieghed ipoggih f'pozizzjoni sostanzjalment pregudikanti wara li b'reqqa u responsabilita huwa segwa d-direttivi legittimi ta' dan l-istess Tribunal, u kif ukoll johloq dubju serju fil-prassi hekk kif ben stabbilita ghal zmien twil fi hdan l-istess Tribunal, meta l-ghan tal-istess Tribunal m'huwiex sabiex jintilef fuq punt procedurali fiergha intenzjonati sabiex ixekklu kawza legittima, izda sabiex jasal ghas-sustanza ta' kwistjoni u jiddeciedi dwarha.**

**It-Tribunal Industrijali wara li ezamina d-dikjarazzjonijiet li saru mill-partijiet u semgha t-trattazzjoni taghhom fis-seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju, 2021 jibda biex jikkunsidra l-eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta li tghid:**

1. **Li meta r-rikorrenti ntavola r-rikors tieghu fir-registru tal-Qorti fid-dikjarazzjoni tieghu naqas "li ssemmi l-fatti tal-kawza" skond l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. **Invista li r-rikorrenti ghamel dan in-nuqqas, is-socjeta kienet ferm ippregudikata bil-fatt li ma setghux jirrispondu ghal kaz odjern u peress li r-rikorrenti naqas milli jsegwi dak li tiddetta l-ligi, u halla barra l-fatti kollha li fuqhom qieghed isejjes il-kawza tieghu huwa ta' detriment ghas-socjeta appellata.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet It-Tribunal Industrijali jibda biex jezamina r-rikors promotur li ntavola r-rikorrenti fir-registru tal-Qorti datat 22 ta' Settembru, 2021 li jghid:**

1. **Illi huwa kien impjegat ma Eden Hospitality Limited/Inter-Contintenal Hotels Corporation/Intercontinental Hotel & Holiday Inn Express fl-irwol ta' Luxury Services Manager;**
2. **Illi huwa inghata s-sensja fit-22 ta' Mejju, 2020;**
3. **Illi s-sensja ma kienitx genwina minhabba ragunijiet illi se jigu trattati fil-mori tal-kwistjoni.**

**Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-rikorrenti qed jitlob bir-rispett lil dan Onorabbli Tribunal sabiex:**

1. **Jiddikjara u jiddeciedi illi r-rikorrent inghata s-sensja fuq bazi mhux genwina;**
2. **Jillikwida kumpens gust ghar-rikorrenti minhabba t-tkeccija ingusta;**

3. **Jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat lir-rikorrent.**

**Bl'ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati li r-rapprezentanti taghhom huma minn issa ngunti in subizzjoni.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina r-rikors promotur tar-rikorrenti jirrizultalu, li r-rikorrenti ta' l-informazzjoni dwar il-partikularijiet tieghu, li hu kien impjegat u ma min kien impjegat, il-grad li kellu meta kien fl'impieg, id-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg u li kienet is-socjeta li kecciet mill-impieg lir-rikorrenti ghal raguni ta' sensja.**

**It-Tribunal Industrijali qed jezamina id-dettalji tar-rikors promotur li ghamel ir-rikorrenti ghar-raguni biex jiddeciedi jekk din l-informazzjoni hix konformi u jekk jissodisfax l-Artikolu 75 (3) tal-Ligijiet ta' Malta li jghid :**

> **"(3) Kull referta maghmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza, ipprezentata fir-registru tat-Tribunal u ghandha, fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat".**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-Artikolu tal-ligi fejn jghid li fid-"dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza" huwa tal-fhema, li dan l-Artikolu ma jispjegax bizzejjed x'ghandhom ikunu l-fatti tal-kawza u**

**fl'opinjoni tat-Tribunal Industrijali huwa artikolu li jista jghati hafna interpretazzjonijiet differenti skond mill-liema vista thares lejh bhalma qed jghamlu l-partijiet involuti f'din l-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghal konkluzjoni u Decizjoni f'dan ir-rigward jibda biex jezamina l-process li jadotta t-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li meta jibda is-smigh tal-Kaz peress li f'dan il-kaz kienet is-socjeta li tterminat l-impieg tar-rikorrenti, l'oneru tal-prova huwa tas-socjeta appellata u dan ghar-raguni li fil-kaz tat-tkeccija ngusta (unfair dismissal) min ihaddem obbligat li jigeb il-provi u l-evidenza kollha biex jipprova li kellu raguni valida u genwina li jiddikjara s-sensja u t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-impjegat ma saritx bi ksur tal-Ligi.**

**Dan il-principju hu sostnut minn Robert Upex fit-text tieghu Termination of employment page 43 "The burden of establishing the reason or principal reason for the dismissal lies upon the employer. If he fails to do so, the dismissal will be deemed unfair".**

**Ghaldaqstant, il-piz tal-prova f'dan il-kaz inkwistjoni tax-xoghol trid tinterfa mis-socjeta ntimata ghax bid-decizjoni li hadet li tittermina l-**

**impjieg tar-rikorrenti kienet hi li ddisturbat l-istatus quo. Invista ta' dan, is-socjeta appellata hi obbligata li tipprova quddiem it-Tribunal Industrijali ghal liema ragunijiet ddecidiet li tiddikjara s-sensja u dan biex jigi zgurat li kien hemm ragunijiet validi u genwina.**

**Ma dan li qed jigi msemmi hawn fuq, hija s-socjeta li trid tipprova quddiem it-Tribunal Industrijali li s-sensja ma saritx bi ksur ta' l-Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid :**

> **"(4) Meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impieg ta' impjegat minhabba redundancy, hu ghandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta' l-impieg milquta minn dik ir-redundancy".**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-artikolu tal-ligi jinnota, li sabiex jigi determinat liema ghandhom ikunu l-persuna jew persuni li ghandhom jigu ssensjati dan jirrikjedi diversi aspetti ta' informazzjoni li l-management irid ihares lejhom biex jizgura li dawn isiru skond il-provedimenti tal-Ligi bhal; informazzjoni li l-management irid jezamina biex jistabilixxi min hu dak il-haddiem jew haddiema li se jintlaqtu bis-sensja ghandu ikun dak il-haddiem jew haddiema li gew impjegati fl-ahhar klassi ta' l-impieg. Il-management ghandu jhares lejn din l-informazzjoni biex jizgura li jkun qed japplika l-provvediment tal-Ligi citat hawn fuq.**

**Ghaldaqstant, f'dan il-kaz inkwistjoni l-management huwa obbligat li jipprova li r-rikorrenti kien il-persuna li gie mpjegat l-ahhar wiehed f'dik il-klassi tax-xoghol li kien jokkupa hu u liema nformazzjoni kollha tinsab ghad-dispozizzjoni tas-socjeta ntimata.**

**Ma dan li qed jigi msemmi hawn fuq, is-socjeta ntimata trid tipprova wkoll, li f'perjodu ta' sena minn meta iddikjarat is-sensja tar-rikorrenti ma gie mpjegat l-ebda haddiem iehor f'dik il-klassi li kien jokkupa r-rikorrenti u dan skond Artikolu 36 (3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:**

**"Izda kull impjegat li l-impieg tieghu jigi mitmum minhabba redundancy ikun intitolat ghall-impieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerga' jkun ottjenibbli fi zmien perijodu ta' sena mid-data ta' tmiem l-impieg".**

**Ghaldaqstant, f'dan l-aspett hija l-kumpanija li trid tipprova ghax hi ghanda l-informazzjoni jekk mpjegatx lill xi haddiem iehor fi zmien sena f'dik il-klassi ta' xoghol li kien jokkupa ir-rikorrenti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li nvista li l-onoru tal-prova huwa tas-socjeta u li hija trid iggor il-piz biex tipprova:**

**a) li s-sensja saret ghal ragunijiet validi u genwini;**

**b) li s-sensja ma saritx bi ksur ta' l-Artikolu 36(4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**c) li s-socjeta ma mpjegatx lil xi haddiem iehor li kien jghamel ix-xoghol tar-rikorrenti fi zmien sena mit-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti skond l-Artikolu 36 (3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li din l-informazzjoni kollha qeghda ghad-dispozizzjoni tas-socjeta ntimata u ghaldaqstant l-ilment taghha meta tghid li "kienu ferm ippregudikati bil-fatt li huma ma setghux jirrispondu ghal kaz oderjn" huwa lment mhux gustifikat.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra r-rikors promotur li ntavalova r-rikorrenti fir-registru tal-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2020.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan ir-rikors promotur jirrizultalu, li r-rikorrenti fid-dikjarazzjoni tieghu jghati d-detallji tal-partikularijiet tieghu. Huwa jiddikjara wkoll, li r-relazzjoni tax-xoghol tieghu mas-sidien kienet relazzjoni ta' mpieg u ma kienitx relazzjoni ohra bhal dik ta' self-employed.**

**Ghat-Tribunal Industrijali li gie ppruvat li r-rikorrenti kellu relazzjoni ta' impieg u mhux xi relazzjoni ohra tax-xoghol hija prova importantissima ghar-raguni, li permezz ta' din il-prova huwa kien elegibbli li jressaq il-**

**kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali ghal tkeccija mill-Impjieg allegatament li hija ngusta.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fir-rikors promotur ir-rikorrenti ddikjara r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ta' sensja (redundancy).**

**Ghat-Tribunal Industrijali li giet moghtija r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg li kienet ta' sensja din hija nformazzjoni mportanti hafna ghax permezz ta' din l-informazzjoni gie stabilit li t-terminazzjoni tar-relazzjoni tax-xoghol saret mill-management u ma kienitx ghal xi raguni ohra bhal rizenja sfurzata (constructive dismissal) u l-prova hija mportanti ghar-raguni biex jigi determinat ta' min ghanda tkun l-onoru tal-prova u min ghandu jgorr il-piz tal-prova li f'dan il-kaz hija s-socjeta appellata ghax kienet hi li tterminat l-impieg tar-rikorrenti.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina r-rikors promotur jinnota wkoll, li r-rikorrenti ta' nformazzjoni tal-grad u nomenklatura li f'dak iz-zmien li kien gie ssensjat kien jokkupa fl'impieg tieghu.**

**Din hija nformazzjoni mportanti wkoll ghar-raguni biex jigi stabilit jekk kienx hu l-ahhar persuna li giet impjegata fl-ahhar klassi ta' l-impieg biex jigi determinat jekk s-sensja tieghu saritx skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ma dan imsemmi hawn fuq, ir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu ndika wkoll id-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg u din hija nformazzjoni utili biex jigi stabilit jekk is-socjeta mpjegatx lill haddiehor minn flokhu fi zmien sena u jekk jigi stabilit li s-socjeta fi zmien sena mpjegat li xi haddiem iehor minflok ir-rikorrenti dan ikun sar bi ksur ta' l-Artikolu 36 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**It-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra li l-onoru tal-prova huwa l-piz li trid iggor is-socjeta appellata u s-socjeta hi obbligata li tipprova li d-decizjoni li hadet ta' sensja saret ghal raguni valida u genwina, ma dan is-socjeta trid tipprova wkoll li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti ma saritx bi ksur tal-Ligi kif ukoll, li fi zmien sena minn meta gie tterminat l-impieg tar-rikorrenti s-socjeta ma mpjegat lill ebda haddiem iehor li kien fil-klassi tar-rikorrenti u liema nformazzjoni tinsab kollha ghad-dispozizzjoni tas-socjeta, it-Tribunal Industrijali hu tal-fhema li r-rikorrenti kull ma hu obbligat li jipprova huwa li hu kien impjegat mas-socjeta u li kienet is-socjeta appellata li keccicthu mill-impieg kif ukoll li jiddikjara l-grad li kien jokkupa fil-gurnata tat-terminazzjoni ta' l-impieg.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina r-rikors promotur tar-rikorrenti jirrizultalu, li dawn id-dettalji msemmija hawn fuq gew moghtija mir-rikorrenti fir-rikors promotur u dawn id-dettalji huma l-fatti tal-kawza li kellu jghati r-rikorrenti li jissodisfaw u huma konformi ma l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra d-dikjarazzjonijiet u t-trattazzjonijiet li ghamlu l-partijiet jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li jichad l-eccezzjoni premlininari tas-socjeta appellata u jiddeciedi wkoll li jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 26 t'Ottubru, 2021**